TRADUZZJONI

IL-FTEHIM TA' ĠINEVRA DWAR IL-KUMMERĊ TAL-BANANA

1. Dan il-Ftehim sar bejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-UE") u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela (minn hawn 'il quddiem "il-forniturі tal-banana li ġejjin min-Nazzjonijiet l-Iktar Favoriti (MFN) fl-Amerika Latina") fir-rigward tal-istruttura u t-tħaddim tal-iskema kummerċjali tal-UE għall-banana friska, eskluż il-pjantaġġuni, ikklassifikati taħt il-linja tat-tariffi 08030019 tas-sistema armonizzata (HS) (minn hawn 'il quddiem "il-banana") u t-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom.

2. Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tad-WTO tal-firmatarji kollha għal dan il-Ftehim soġġett għad-dispożizzjonijiet li hemm fil-paragrafi 3 sa 8 hawn taħt.

3. L-UE taqbel ma' dan li ġej:

(a) Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b) li jinsab hawn taħt, l-UE għandha tapplika tariffi għall-banana li ma jkunux ogħla milli ġej [1]

— Mill-15 ta' Diċembru 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010	EUR 148/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2011	EUR 143/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2012	EUR 136/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2013	EUR 132/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2014	EUR 127/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2015	EUR 122/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2016	EUR 117/mt
— Mill-1 ta' Jannar 2017	EUR 114/mt

(b) Jekk il-Modalitajiet ta' Doha [2] ma jiġux stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tariffi mnaqqsa li għandu jkun hemm kif imsemmi fil-paragrafu 3(a) ta' hawn fuq idumu biex jidħlu fis-seħħ sakemm jiġu stabbiliti l-Modalitajiet ta' Doha. Taħt l-ebda ċirkostanza, id-dewmien ma għandu jiġi estiż għal wara l-31 ta' Diċembru 2015. Ir-rata applikabbli tat-tariffi għal waqt dak il-perjodu ta' dewmien għandha tkun ta' EUR 132/mt. Wara li jiskadi l-perjodu ta' sentejn, jew immedjatament wara li jiġu stabbiliti l-Modalitajiet ta' Doha, skont liema waħda sseħħ l-ewwel, ir-rata tat-tariffi għandha tkun ta' EUR 127/mt. It-tariffi għat-tliet snin li ġejjin, mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, ma għandhomx ikunu ogħla minn EUR 122/mt, EUR 117/mt u EUR 114/mt, rispettivament.

(c) L-UE għandha żżomm skema esklussivament tariffarjatal-prodotti li ġejjin min-Nazzjonijiet l-Iktar Favoriti (MFN) għall-importazzjoni tal-banana [3].

4. (a) L-UE għandha torbot it-tariffi mnaqqsin previsti fil-paragrafu 3. Għalhekk dan il-Ftehim għandu jiġi inkorporat fl-Iskeda tad-WTO li għandha l-UE permezz ta' Ċertifikazzjoni [4], skont id-Deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 1980 dwar il-Proċeduri għall-Modifikazzjoni u r-Rettifikazzjoni tal-Iskedi tal-Konċessjonijiet tat-Tariffi (L/4962).

(b) Hekk kif jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, l-UE għandha tikkomunika lid-Direttur Ġenerali għaċ-Ċertifikazzjoni abbozz ta' din l-Iskeda dwar il-banana li jinkorpora t-test ta' dan il-Ftehim.

(c) Il-partijiet għal dan il-Ftehim jaqblu li ma għandhomx iqajmu oġġezzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Iskeda mmodifikata, sakemm dan il-Ftehim jirrifletti kif suppost fin-notifika.

---

[1] Wara li jiġi ffirmat dan il-Ftehim, l-UE għandha tapplika b'mod retroattiv it-tariffa(i) applikabbli speċifikata/i fil-paragrafu 3(a) għall-perjodu bejn il-15 ta' Diċembru 2009 u d-data meta jiġi ffirmat. Meta jintalbu, l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana għandhom jirrimburżaw id-dazju li jkun tħallas li jkun jaqbeż l-ammont stipulat f'dispożizzjoni.

[2] Għall-għan ta' dan il-Ftehim, il-Modalitajiet ta' Doha tfisser li ntlaħaq kunsens fil-Kumitat tan-Negozjati tal-Kummerċ sabiex ikun jista' jgħaddi għall-iskedar tal-Aċċess għan-Negozjati fis-Suq Agrikolu u Mhux Agrikolu.

[3] Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tinqara sabiex jiġu awtorizzati l-miżuri mhux tariffarji fuq il-banana li mhumiex konsistenti mal-obbligi tal-UE skont il-Ftehimiet tad-WTO.

[4] Id-data taċ-Ċertifikazzjoni għandha tkun id-data li fiha d-Direttur Ġenerali jiċċertifika li l-modifiki tal-Iskeda tal-UE għandha tkun Ċertifikazzjoni skont id-Deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 1980 dwar il-Proċeduri għall-Modifika u r-Rettifikazzjoni tal-Iskedi tal-konċessjonijiet tat-tariffi (referenza tad-dokument WT/LET).

5. Meta toħroġ iċ-Ċertifikazzjoni, it-tilwimiet li għadhom pendenti jiġifieri WT/DS27; WT/DS361; WT/DS364; WT/DS16; WT/DS105; WT/DS158; WT/L/616; WT/L/625 u t-talbiet kollha mibgħuta sa dik id-data mingħand kwalunke fornitur tal-banana min-Nazzjonijiet l-Iktar Favoriti tal-Amerika Latina skont il-proċeduri tal-Artikoli XXIV u XXVIII tal-GATT 1994 fir-rigward tal-iskema kummerċjali tal-UE għall-banana (inkluż il-partiti G/SECRET/22 Nru 08030019 u G/SECRET/22/Add.1; G/SECRET/20 u G/SECRET/20/Add.1; u G/SECRET/26) għandhom jiġu solvuti ([1]). Fi żmien ġimagħtejn minn meta tinħareġ iċ-Ċertifikazzjoni, il-partijiet rilevanti għal dan il-Ftehim għandhom flimkien jinnotifikaw lill-Korp għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim (id-DSB) li waslu għal qbil unanimu li permezz tiegħu jsolvu dawn it-tilwimiet ([2]).

6. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO inkluż dawk li joħorġu mit-tilwimiet u t-talbiet identifikati fil-paragrafu 5, il-forniturі tal-banana li ġejjin min-Nazzjonijiet l-Iktar Favoriti tal-Amerika Latina se jkomplu jaħdmu sabiex ma jeħdux iktar azzjonijiet fir-rigward ta' dawk it-tilwimiet u l-ilmenti msemmijin fil-paragrafu 5 bejn il-15 ta' Diċembru 2009 u ċ-Ċertifikazzjoni sakemm l-UE tkun konformi mal-paragrafi 3 u 4(b) u (c).

7. Il-forniturі tal-banana li ġejjin min-Nazzjonijiet l-Iktar Favoriti tal-Amerika Latina jaqblu li dan il-Ftehim għandu jikkonsisti mill-impenji finali għall-aċċess tas-suq tal-UE għall-banana sabiex jiġu inklużi fir-riżultati finali tan-negozjati multilaterali li jmiss dwar l-aċċess tas-suq għall-prodotti agrikoli li ġew konklużi b'suċċess fid-WTO (inkluż ir-Rawnd ta' Doha) ([3]).

8. (a) Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara dak li fih l-aħħar firmatarju jkun innotifika lid-Direttur Ġenerali li jkun lesta l-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan. Kull firmatarju għandu jibgħat kopja tan-notifika lill-firmatarji l-oħra.

(b) Minkejja s-subparagrafu (a), il-firmatarji jaqblu li japplikaw il-paragrafi 3, 6 u 7 b'mod provviżorju mid-data li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim.

Għall-Brażil:

Għall-Kolombja:

Għall-Kosta Rika:

Għall-Ekwador:

Għall-Unjoni Ewropea:

([1]) Id-data li fiha jkunu ġew solvuti t-tilwimiet għandha tkun id-data taċ-Ċertifikazzjoni (referenza għad-dokument WT/LET).

([2]) Is-soluzzjoni ta' dawn it-tilwimiet ma taffettwax xi drittijiet ta' xi parti sabiex tibda tilwima ġdida skont id-DSU, jew xi drittijiet futuri skont il-proċeduri tal-Artikoli XXIV u XXVIII tal-GATT 1994.

([3]) Jekk iċ-Ċertifikazzjoni tkun għadha ma tlestietx sad-data li fiha jiġu konklużi n-negozjati multilaterali li jmiss dwar l-aċċess tas-suq għall-prodotti agrikoli fid-WTO (inkluż ir-Rawnd ta' Doha), dan il-Ftehim għandu jiġi inkorporat fl-Iskeda tad-WTO tal-UE dakinhar li l-Iskeda tidħol fis-seħħ bħala parti mir-riżultati ta' dawk in-negozjati.

Ghall-Gwatemala:

Ghall-Ħonduras:

Ghall-Messiku:

Ghan-Nikaragwa:

Ghall-Panama:

Ghall-Perù:

Ghall-Venezwela: